MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Ġunju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1255/2002

**APS Bank Limited.**

**-vs-**

**Karl Azzopardi u martu Audrey Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fis-6 ta' Novembru, 2002, li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti in solidum huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef erba mija hamsa u disghin Lira u tmien centezmi (Lm7,495.08) dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm7,196.51 bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti

numru 12535130017 (Dok A) u kwantu ghas-somma ta' Lm298.57 bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti numru 12535130028 (Dok B); u dana oltre l-interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-hlas effettiv;

Illi ghalkemm debitament interpellati biex jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef erba mija hamsa u disghin Lira u tmien centezmi (Lm7,495.08) dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm7,196.51 bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti numru 12535130017 (Dok A) u kwantu ghas-somma ta' Lm298.57 bhala bilanc ta' debitu ta' kont Kurrenti numru 12535130028 (Dok B);

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sebat elef erba mija hamsa u disghin Lira u tmien centezmi (Lm7,495.08).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawl ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju, 2002, u tal-Mandati ta' Sekwestru, Qbid u Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' din ic-Citazzjoni u bl-interessi ulterjuri b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti 'in-solidum' mil-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-socjeta' attrici, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat ili c-Citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw Nota ta' Eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-Nota ta' Riduzzjoni tas-socjeta' attrici;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Ezaminat l-Atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni jirrizulta pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti tiddeciedi billi:

**Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-Citazzjoni u kif ridotti fin-Nota ta' Riduzzjoni, u tikkundanna lill-konvenuti 'in solidum' ihallsu s-somma ta' hamest elef hames mija tnejn u sebghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm5,572.96) oltre l-interessi legali b' effett mit-30 ta' Gunju, 2002 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------